Il-Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kondizzjonijiet ta' l-Għajxien u tax-Xogħol

Konverġenzi u diverġenzi fil-kundizzjonijiet tax-xogħol fl-Ewropa: 1990–2005

Sommarju Eżekuttiv

Daħla

Fl-2005, il-Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kundizzjonijiet tal-Għajxien u tax-Xogħol (Eurofound) bdiet ir-raba' sensiela tal-Istħarriġ tagħha dwar il-Kundizzjonijiet tax-Xogħol fl-Ewropa (EWCS), li beda fl-1990. Matul dan il-perijodu ta' 15-il sena, l-Unjoni Ewropea għaddiet minn bidliet sinifikanti f'diversi livelli. It-12-il Stat Membru tal-UE minn dakinhar 'l hawn żdiedu bi 15-il pajjiż ġdid. B'konsegwenza ta' dan, l-EWCS tal-2005 ikopri s-27 Stat Membru tal-UE (UE27) kif ukoll il-Kroazja, it-Turkija, in-Norveġja u l-Iżvizzera. Madankollu, kien hemm ukoll bidliet aktar strutturali fl-UE, li jikkonċernaw l-organizzazzjoni sħiħa tal-ekonomija Ewropea, is-swieq tax-xogħol u l-kundizzjonijiet tax-xogħol.

Għalhekk, il-kontenut tal-EWCS evolva b'mod sinifikanti f'dan il-perijodu; issa jinkludi aktar kwistjonijiet u firex l-attenzjoni tiegħu minn fuq riskji ergonomiċi aktar tradizzjonali għat-tħaddin ta' għadd ta' kwistjonijiet relatati ma' approċċ multidimensjonali lejn il-kundizzjonijiet tax-xogħol, u b'mod aktar ġenerali, il-kwalità tal-ħajja tax-xogħol. Dan ir-rapport għandu l-għan ewlieni li jinvestiga żewġ kwistjonijiet relatati mar-riċerka. L-ewwel, ifittex li josserva permezz tad-diversi sensiliet tal-EWCS, l-eżistenza ta' movimenti relattivi ta' konverġenza jew diverġenza maż-żmien li jikkonċernaw il-kwalità tal-ħajja tax-xogħol. It-tieni, jesplora jekk movimenti bħal dawn humiex viżibbli bejn il-pajjiżi Ewropej matul dan il-perijodu.

Kuntest politiku

Il-bidliet strutturali fl-UE ġew riflessi sa ċertu punt fit-tfassil ta' politiki Ewropej u nazzjonali, l-aktar permezz tal-Istrateġija Ewropea għall-Impjiegi u l-Istrateġija ta' Liżbona. Madankollu, studji reċenti differenti juru stampa mħawwda tas-sitwazzjoni li tirrigwarda l-kwalità tal-impjiegi fl-Ewropa, li tindika li, għalkemm wieħed jinnota ċertu titjib, bħal fil-każ tal-inċidenti fuq il-post tax-xogħol, ċerti dimensjonijiet oħra tal-kwalità tal-impjieg – bħall-intensifikazzjoni tax-xogħol jew l-aċċess għal opportunitajiet ta' taħriġ – fil-fatt ma tjibux. Din il-valutazzjoni kienet diġà saret mill-Kummissjoni Ewropea fil-Komunikazzjoni ta' segwitu tal-2003 dwar il-kwalità fix-xogħol, u ġiet iddikjarata mill-ġdid dan l-aħħar fir-rapport strateġiku dwar l-Istrateġija mġedda ta' Liżbona.

Dawn l-istudji huma bbażati fuq diversi settijiet ta' dejta u indikaturi, kemm bl-użu ta' approċċ purament akkademiku kif ukoll permezz ta' approċċ xprunat mill-politika, bħall-qafas u l-indikaturi kunċettwali li ġew mifthiema fil-Kunsill Ewropew ta' Laeken f'Diċembru 2001. Nuqqas sinifikanti fil-qafas Ewropew dwar il-kwalità fix-xogħol hija n-nuqqas ta' kwalunkwe indikatur relatat mal-kundizzjonijiet tax-xogħol. Dan ir-rapport jirrevedi, mill-perspettiva tal-kwalità tax-xogħol, it-tendenzi fil-kundizzjonijiet tax-xogħol kif riflessi fid-diversi sensiliet ta' EWCS li jkopru dawn l-aħħar 15-il sena.

Sejbiet ewlenin

L-investigazzjoni tal-kwalità tax-xogħol u tal-impjiegi tenfasizza erba' dimensjonijiet ewlenin: il-karriera u l-impjiegi, is-saħħa u l-benesseri, l-iżvilupp tal-ħiliet u l-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja. Kull waħda minn dawn id-dimensjonijiet tinkludi suġġetti sekondarji li flimkien jiġbru l-kwistjonijiet kollha koperti mill-kwestjonarji tal-EWCS u l-qasam ġenerali tal-politiki Ewropej dwar ix-xogħol u s-soċjetà. Fl-istħarriġ ta' dawn l-oqsma – kif ukoll is-sodisfazzjon tal-impjieg inġenerali – sabiex wieħed jivvaluta l-kwalità tal-impjieg fis-sens l-aktar wiesgħa tagħha, is-sejbiet tal-istħarriġ juru diverġenza relattiva fl-Ewropa hekk kif seħħet is-sħubija tat-12-il Stat Membru Ġdid (NMS) fl-2004 u fl-2007. Il-medja ta' dawn il-pajjiżi, turi prestazzjoni aktar dgħajfa f'dak li għandu x'jaqsam mal-kwalità tax-xogħol, iżda r-riżultati jikkonfermaw ukoll li qegħdin inaqqsu din id-differenza.

Fost l-Istati Membri l-antiki (UE15), il-proċess ta' konverġenza ma jidhirx li qed jimxi lejn l-aħjar jew l-ogħla riżultati iżda aktar lejn il-medja, bil-prestazzjoni mtejba fis-sens ta' kwalità tax-xogħol tal-grupp ta' pajjiżi Anglo-Sassoni tkun ibbilanċjata minn deterjorament fil-grupp Skandinavu. Sadanittant, il-gruppi Kontinentali u tan-Nofsinhar baqgħu relattivament stabbli.

Id-diversità interna fil-gruppi ta' pajjiżi u fil-pajjiżi tista' tiżdied permezz ta' politiki pubbliċi differenti u wkoll permezz ta' speċjalizzazzjonijiet ekonomiċi differenti. L-iżvilupp tas-settur tas-servizzi – akkumpanjat mit-tnaqqis fl-attivitajiet industrijali u agrikoli – kellu impatt differenti fuq id-diversi pajjiżi u dan jista' jispjega parti mid-differenzi fix-xebh bejn il-pajjiżi u l-gruppi ta' pajjiżi.

Ir-riżultati nazzjonali ppreżentati f'dan ir-rapport juru li, f'kull grupp, joħroġ grad għoli ta' varjabbiltà. Il-Finlandja qiegħda tkun dejjem aktar differenti mill-pajjiżi l-iskandinavi l-oħrajn, iżda d-differenzi bejn id-Danimarka u l-Iżvezja huma aktar ovvji f'dawn iż-żminijiet milli 10 jew 15-il sena ilu. Fil-grupp Kontinentali, l-Olanda u, xi ftit inqas, l-Awstrija wkoll qegħdin ikollhom diverġenzi mill-pajjiżi l-oħrajn tal-grupp. Fil-grupp tan-Nofsinhar, Spanja tbiegħdet aktar minn qabel mill-Italja, filwaqt li l-Portugall u b'mod speċjali l-Greċja jidhru aktar differenti mill-pajjiżi l-oħra tal-grupp milli fid-Disgħinijiet.

Fil-livelli nazzjonali, it-tendenzi negattivi tal-kwalità tal-impjieg, bħalma huma l-espożizzjoni għal perikli tas-saħħa, ix-xogħol fi tmiem il-ġimgħa jew bil-lejl, qegħdin jispiċċaw kważi kullimkien. Id-drittijiet tal-ħaddiema tjiebu f'dak li għandu x'jaqsam mal-konsultazzjoni u l-informazzjoni dwar ir-riskji. Madankollu, xejriet negattivi oħrajn tal-kwalità tal-impjiegi – bħalma huma l-impjiegi bi ftit opportunitajiet ta' tagħlim u l-aċċess fqir għat-taħriġ, ix-xogħol bix-xift jew skedi ta' xogħol li mhumiex fissi, l-intensità ta' xogħol akbar jew l-assenteiżmu relatat mas-saħħa – qegħdin jiżdiedu kważi f'kull pajjiż.

In-nuqqas ta' opportunitajiet ta' taħriġ fuq il-post tax-xogħol huwa ta' tħassib partikolari. Minkejja l-enfażi fuq it-tagħlim tul il-ħajja fid-diskorsi u l-politiki Ewropej, u l-metodu speċifiku miftuħ ta' koordinazzjoni fuq l-edukazzjoni u t-tagħlim tul il-ħajja, hemm bżonn ta' ħafna aktar progress sabiex jintlaħqu l-miri stabbiliti f'Liżbona fis-sena 2000.

Indikaturi politiċi

- Għal titjib ġenerali fil-kundizzjonijiet tax-xogħol fil-pajjiżi kollha, hemm bżonn ta' sforzi akbar fir-rigward tat-taħriġ u t-tagħlim tul il-ħajja.
- Fatturi ta' riskju oħrajn u riżultati relatati max-xogħol fil-pajjiżi tal-UE27 li jeħtieġu attenzjoni jinkludu l-intensifikazzjoni tax-xogħol u ż-żieda fir-rati ta' assenteiżmu.
- L-informazzjoni dettaljata dwar l-iżviluppi ekonomiċi u soċjali fl-Istati Membri Ġodda għadha mhijiex sħiħa jew ma tkoprix l-aspetti kollha u għaldaqstant hemm ħtieġa ta' aktar riċerka f'dan ir-rigward.
- B'27 Stat Membru tal-UE, huwa diffiċili li ssir analiżi tat-tendenzi għal kull pajjiż u għalhekk il-clustering (ir-raggruppament ta' Stati Membri bbażat fuq xebh) huwa alternattiva vijabbli. Madankollu, il-clustering jista' jaħbi d-diversità interna u jwassal għall-interpretazzjoni żbaljata. Għaldaqstant, huwa importanti li fl-istess ħin issir analiżi ta' pajjiż, pajjiż, minħabba li d-diversità fost il-gruppi eżistenti qiegħda tkompli tiżdied.

Riċerka addizzjonali

- Minħabba l-missjoni u r-riżorsi tagħha – bħalma huma l-istħarriġ, l-osservatorji u l-finanzjament ta' riċerka sekondarja – l-Eurofound, jista' jkollha rwol fl-inkoraġġiment ta' sinerġiji u fl-istabbiliment ta' task force trasversali jew grupp ta' ħidma dwar il-clustering.
- Żieda fid-daqs tal-kampjuni nazzjonali tgħin fit-titjib tas-sensiela li jmiss ta' EWCS, biex b'hekk ikun hemm analiżi aktar profonda fil-livelli settorjali u reġjonali, pereżempju.
- It-titjib tal-kampjuni nazzjonali fl-EWCS hija pre-kundizzjoni għal użu aħjar tal-EWCS għal skopijiet ta' monitoraġġ tal-politika, minħabba li dan l-eżerċizzju huwa bbażat fuq punti ta' referenza dgħajfa ta' prestazzjoni nazzjonali.

Tagħrif ieħor

Ewropa: 1990–2005 huwa disponibbli fuq http://www.eurofound.europa.eu/publications/htmlfiles/ef08104.htm. Dejta, rapporti u analiżijiet sekondarji tal-Istħarriġiet dwar il-Kundizzjonijiet tax-Xogħol fl-Ewropa huma disponibbli fuq il-websajt tal-Osservatorju Ewropew tal-Kundizzjonijiet tax-Xogħol fuq http://www.eurofound.europa.eu/ewco/surveys/.

Sara Riso, Uffiċjal ta' Kollegament tal-Informazzjoni
sri@eurofound.europa.eu